MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru 451/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**GIOVANNI LICATA**
**GIUSEPPE LICATA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Giovanni Licata ta’ 41 sena, bin Francesco u Anna nee’ Licata, mwieled Springvale, l- Awstralja nhar il- 15 ta’ Awwissu 1969, residenti fil- fond Arzella, Triq l- Ghaguza, M’Scala jew Contrada Maullu, Ragusa, Sqallija u detentur tal- Karta tal- Identita’ 0037522(A) jew Karta tal- Identita’ Taljana bin- numru 2832200;

U

Giuseppe Licata ta’ 38 sena, bin Franceso u Anna nee’ Licata, mwieled Vittira, provincja ta’ Raguza fi Sqallija nhar it- 13 ta’ Settembru 1972, residenti fil- fond Benvenue Flats, Triq il- Lampuka, M’Scala jew Nru. 55, Via Neli Maltese, Vittiria, Ragusa, Sqallija u detentur tal-Karta tal- IDentita’ bin- numru 0037521(A);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli
1) Fil-waqt li kienu gewwa Xatt il- Faham, limiti ta’ Rahal Gdid, nhar il- 21 ta’ Marzu 2007, ghall- habta tal-11.15am minghajr il- hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l- hajja ta’ Andrea Bugeja minn B’Bugia f’ periklu car, ikkagunawlu ferita ta’ natura gravi, hekk kif iccertifikat minn Dr. Mark Grech MD tac- Centru tas- Sahha, Rahal Gdid, liema ferita ggiblu mankament jew sfreggju fil- wicc bi ksur tal- Artikoli 216 (1) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
2) Talli fl- istess data, hin u lok hebbew kontra l-persuna ta’ Andrea Bugeja sabiex jingurjawh jew jaghmlu hsara lill- istess u dana bi ksur tal- Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
3) Talli fl- istess data, hin u lok ungirjaw u heddu bil-kliem lil Andrea Bugeja u dana bi skur tal- Artikolu 339 (1) (e) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
4) U aktar talli fl- istess data, hin u lok volontarjament kisru l- buon ordni u l- kwiet tal- pubbliku u dan biu ksur tal- Artikolu 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi bla hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l- Ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghelu bl- awtorita’ taghhom infushom, lil Andrea Bugeja jesegwixxi obligazzjoni u fixklu lill- istess Andrea Bugeja fil- pussess ta’ hwejjgu u dana bi ksur tal- Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

6) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi hsara tas- sid, cioe’ Andrea Bugeja u persuni ohra, ghamlu vjolazzjoni kontra l- propjeta’ tal- istess persuni u dana bi ksur tal- Artikolu 340 (d) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur informa l-Qorti li l-griehi sofferti mill-vittma f’ dan il-kaz, Andrea Bugeja, kienu ta’ konsegwenza minima, u ghalhekk jistghu jigu kklassifikati bhala griehi hfief ai termini tal-ligi;

Rat illi ghalhekk, il-perijodu ta’ preskrizzjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kien dak ta’ sentejn, ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema terminu kien skada minghajr ma gie interrott skond il-ligi;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 216 (1) (b), 339 (1) (d), 339 (1) (e), 338 (dd), 85 u 340 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti tiddikjara din il- kawza preskritta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------